# Il-qima lejn il-Madonna tal-Karmnu fil-Kolleġġjata ta' San Pawl, ir-Rabat

Mons. Ġwann Azzopardi



Fir-Rabat ta' Malta il-qima lejn il-Madonna tal-Karmnu hi wisq qadima għax l-ewwel Patrijiet Karmelitani li ġew fi gżiritna minn Sqallija madwar l-1418 waqqfu l-ewwel kunvent, kważi eremitaġġ, tagħhom fil-Lunzjata, limiti tar-Rabat. Aktar tard, fl-1659 il-Patrijiet ittrasferew il-Kunvent tagħhom ġewwa s-swar tal-Imdina, iżda l-knisja tagħhom fil-Lunzjata għadha tilqa' fiha kull nhar ta' Ħadd numru sabiħ ta' nies, kif ukoll fil-kmamar annessi mal-knisja jsiru bosta laqgħat u rtiri . Ħaġa kurjuża, kemm l-Arċisqof Pawlu Cremona O.P. kif ukoll l-Isqof Mario Grech ta' Għawdex għamlu l-irtir qabel il-konsagrazzjoni episkopali tagħhom f'din il-knisja tal-Lunzjata.



Fil-knisja Parrokkjali u Kolleġġjata ta' San Pawl, ir-Rabat, il-qima lejn il-Madonna tal-Karmnu kienet orjentata l-ewwel lejn sottokwadru tal-Madonna tal-Karmnu li jinsab fl-altar tal-kappellun ta' San Anton Abbati. Dan il-Kappellun għandu l-privileġġ ta' abbazija mwaqqfa minn-Nobbli Cosmana Navarra li bniet ukoll minn flusha l-knisja ta' San Pawl tallum. Il-kwadru titulari tal-Malti Filippo Marulli juri fin-nofs lill-Madonna bil-Bambin u madwarha San Anton Abati u San Filippu Neri. Taħt il-kwadru kien hemm darba niċċa ovali b'xi statwa mdaqqsa izda aktar tard din tgħattiet bi xbieha tal-Madonna tal-Karmnu. Għadu mhux magħruf meta



tneħħiet l-istatwa jew xbieha żgħira u tpoġġa l-kwadru tal-Karmnu. Iżda madwar dan il-kwadru hemm fatt kurjuż. Il-knisja tant sabiħa tal-Karmnu fl-Imdina dejjem attirat ħafna nies, iżda diversi ġenituri mir-Rabat kienu jiddejqu jħallu t-tfajliet u t-tfal żgħar jiffrekwentaw din il-knisja l-aktar fl-ghaxijiet, billi fit-Trunċieri kien ikun hemm ħafna Ngliżi li l-ġenituri kienu jibżgħu li setgħu jagħtuhom fastidju. Il-Kappillani tar-Rabat, l-aktar il-Kappillan Sammut li mexxa l-papprocca għal 21 sena (1907-1921) u li kellu devozzjoni qawwija lejn il-Madonna tal-Karmnu u kien iġib isimha, kienu jissuġġerulhom jinvistaw lill-Madonna quddiem dak is-sottokwadru. Fil-fatt kien il-Kappillan Sammut li waqqaf fir-Rabat l-ghaqda Figlie di Maria u kien iġib patri tal-Karmnu jagħmel laqgħat lill-membri ta' din l-għaqda fl-hekk imsejħa Erbgħat tal-Madonna tal-Karmnu, ħaġa li għadha ssir sallum.

Fir-Rabat, fi żmien il-Kappillan Sammut, kien ighix il-Kavallier Eugenio Schembri, bniedem ġeneruż li jingħad li kien ukoll konslu tat-Turkija. Il-Kappillan Sammut dejjem ikkoltiva l-ħbiberija tiegħu biex iressqu aktar lejn il-Knisja u jieħu wkoll xi benefikat mingħandu. Qabel ma s-Soċjetà tal-Mużew, imwaqqfa minn

San Ġorġ Preca, fetħet dar fir-Rabat, fil-parroċċa ma kienx hemm post adegwat għat-tagħlim tad-Duttrina. Il-Kappillan Sammut ħajjar lill-Kav. Eugenio Schembri jirrimedja billi jibni mal-knisja oratorju għat-tagħlim tad-Duttrina, dedikat lill-Madonna tal-Karmnu. Schembri mhux biss accetta iżda wkoll iffinanzja oratorju kbir imiss mal-knisja, b'arkitettura mill-isbaħ, b'koppla u artal u b'mumru ta' niċeċ fil-ħajt fejn jintramaw ukoll l-istatwi tal-Appostli u dik ta' Kristu Rxoxt u sa ftit żmien ilu San Mikiel.

Fil-paviment tar-rħam ta' dan l-oratorju Schembri ħalla post fiċ-ċentru għall-lapida sepolkrali sabiħa tiegħu. Jidher li dan kollu seħħ fl-aħħar ta' ħajtu, għax fl-istess oratorju hemm lapida kommemorativa fl-irħam li tgħid li l-oratorju nbenna fl-1912, waqt li fil-lapida sepolkrali f'mofs il-paviment tal-oratorju jingħad li Eugenio Schembri miet ta' kważi 70 sena nhar is-26 ta' Novembru 1912. Il-Kappillan Carmelo Sammut flimkien u n-nobbli Salvatore dei Conti Manduca kienu l-esekuturi testamentarji tiegħu.

Aktarx kien il-Kappillan Dun Karm Sammut stess li ssuggerixxa – u s-sur Schembri accetta – li l-oratorju jiġi dedikat lill-Madonna tal-Karmnu, kemm minħabba d-devozzjoni personali tal-Kappillan, kif ukoll biex joffri lid-devoti Rabtin post aktar adegwat mis-sottokwadru li semmejna, u biex f'dan l-ispazju komdu jsiru il-laqghat tal-Figlie di Maria.

Il-kwadru, li hu ta' daqs kbir, gie mpitter mill-artist Ġanni Vella (1885-1977), li kien għadu kemm wasal minn ħames snin jistudja l-arti f'Ruma (1907-1912) fuq rakkomandazzjoni tal-pittur Taljan Attilio Palombi. Bħal diversi artisti Maltin oħra, Vella kien jitħabat biex jikseb kummissjonijiet artistiċi għall-knejjes tal-gżejjer tagħna, meta kienu jingħataw kummissjonijiet ukoll lil artisti barranin. Jingħad li jeżistu diversi abbozzi tal-kwadru tal-oratorju. Wieħed minnhom, mixtri mingħand iben l-artist Aldo, jinsab fil-kumpless tal-Mużew Wignacourt tar-Rabat.